MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 122/2007

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**CD f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E u F G,**
**kif ukoll H G, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet A B u CD ghandhom relazzjoni intima bejniethom u li ilha sejra ghal diversi snin.

Illi matul din ir-relazzjoni, l-intimata CD kienet ghadha mizzewga lill-intimat H G.

Illi mir-relazzjoni bejn ir-rikorrent u CD twieldu zewgt itfal u cioe' E ta' tlett snin li twieldet fid-29 ta' April 2004 u F ta' xahar li twieled fit-23 ta' Jannar 2007.

Illi peress li l-intimata CD kienet ghadha mizzewga ma' H G, it-tfal minuri gew imnizzla fic-certifikati tat-twelid kopji annessi bhala Dok A u Dok B, bhala ulied l-intimat H G.

Illi l-ulied minuri m' humiex ulied naturali ta' l-intimat H G imma ulied naturali tar-rikorrent A B kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri E G u F G m' humiex it-tfal naturali ta' l-intimat H Zammmit imma ulied naturali tar-rikorrent A B, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, b' mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f' dan is-sens.

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri E G u F G billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha ta' l-intimat H G u l-istess jigu sostitwiti bil-konnotati tar-rikorrent A B.

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li hi fis-sens li :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti jipprova l-impossibilta' fizika bejn il-konjugi l-intimati H G u CD;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem “the said” jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu u cioe’ in-numru tad-dokument ta’ l-identita’, l-eta’, l-post fejn twieled u fejn joqghod u isem u kunjom missier ir-rikorrenti u jekk missieru hux haj jew mejjet sabiex jekk it-talbiet jintlaqghu, dan id-dettal ikun jista’ jigi inserit fl-Att;

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-konvenuti CD u H G, debitament ingunti, ghazlu li jibqghu kontumaci ;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Robert Cardona, u l-Ispizjar Marisa Cassar, debitament mahluf ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16 ;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tfal, E li twieldet fid-29 ta’ April 2004 u F li twieled fit-23 ta’ Jannar 2007,

registrati fl-att tat-twelid taghhom numri 1471/04 u 534/07, rispettivament, bhala ulied il-konvenut H G, huma fil-fatt il-wild naturali ta’ l-attur A B.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jrrizulta li fis-sena 2003 il-konvenuta CD, allura mizzewwga mal-konvenut H G, dahlet f’ relazzjoni extra matrimonjali stabbli ma’ l-attur li minnu kienet isseparat de facto fis-sena 2001; u minn din ir-relazzjoni twieldu iz-zewgt-it tfal fuq imsemmija fid-dati fuq indikati.

Illi l-konvenuta CD tghid li matul dan iz-zmien hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma’ zewgha, izda kellha relazzjonijiet intimi ma’ l-attur biss;  u ghalhekk, hija ssostni, li dawn it-tfal huma l-wild naturali ta’ l-attur.

Illi din it-tezi hija korroborata mir-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA li saru minn fuq kampjuni li ttiehdu minn fuq il-persuna tal-minuri, ta’ l-attur u ta’ l-istess konvenuta, u li jikkonferma lill-attur bhala l-missier naturali u bijologiku taghhom.

Dan premess u kkunsidrat, it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur, u tiddikjara li l-tfal E u F, registrati bil-kunjom G, u li twieldu rispettivament fid-29 ta’ April 2004 u fit-23 ta’ Jannar 2007 huma l-ulied naturali ta’ l-attur A B, u mhux tal-konvenut H G ; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid taghhom, numri 1471/04 u 534/07, billi l-isem u l-konnotati ta’ H G jigu sostitwiti bl-isem u bil-konnotati ta’ A B.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur u mill-konvenuta CD proprio, konguntivament u f’ porzjonijiet ugwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------